L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| DATA: | it-12 ta' Diċembru 2020 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12.05 p.m. |

Wieġeb Taqsima A u **TLIET** mistoqsijiet oħra li trid minn Taqsima B.
Taqsima A għandha 40% tal-marka totali u Taqsima B għandha 60%.

**TAQSIMA A**
**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA. Kull mistoqsija għandha 4 marki.**

1. X'rabta hemm bejn it-Tradizzjoni u l-Iskrittura Mqaddsa?
2. Spjega fuqiex tinbena l-ugwaljanza fost il-bnedmin.
3. X'inhi t-Tradizzjoni Appostolika?
4. Fiex tikkonsisti l-Providenza Divina?
5. X'post għandu l-Qawmien mill-mewt ta' Kristu fil-fidi Nisranija?
6. It-Testment il-Ġdid hu importanti għall-Insara. Spjega.
7. X'nifhmu meta nitolbu: "Ħobżna ta' kuljum agħtina llum"?
8. Xi jfisser l-isem "Ġesù"?
9. Il-maternità spiritwali ta' Marija hi universali. Spjega.
10. Kif jidħol l-Ispirtu s-Santu fit-talb tal-Knisja?

**(Total: 40 marka)**

**TAQSIMA B**
**Agħżel TLIET mistoqsijiet u weġibhom fid-dettall. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

1.a. Spjega għaliex it-talb hu importanti fil-ħajja tan-Nisrani. (8)
b. X'inhi l-kontemplazzjoni? (4)
ċ. Kif il-kontemplazzjoni hi differenti mill-meditazzjoni? (4)
d. Iddiskuti kif wieħed jista' jitlob bil-Bibbja. (4)

**(Total: 20 marka)**

2. "Id-dnub jinsab fil-ġrajja tal-bniedem: ikun kollu għalxejn jekk din ir-realtà misterjuża ninjorawha jew insejħulha b'xi isem ieħor." (KKK 386)
a. Hemm varjetà kbira ta' dnubiet. Spjega. (8)
b. X'inhuma l-effetti tad-dnub fuq il-ħajja tal-individwu u tas-soċjetà? (8)
ċ. Semmi **ERBGĦA** mis-seba' rjus tad-dnubiet il-mejta. (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb wara.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

3. Liema huma l-**ĦAMES** perjodi tas-sena liturġika? Spjega **KULL WIEĦED** minnhom. (20)

**(Total: 20 marka)**

4. Fl-istqarrija tal-fidi tagħna ngħidu: "Jiena nemmen" jew "Aħna nemmnu".

a. Spjega fil-qosor **TLIET** karatteristiċi tal-fidi. (12)

b. M'hemmx kontradizzjonijiet bejn il-fidi u x-xjenza. Spjega. (4)

ċ. Għaliex il-fidi hi att personali kif ukoll ekkleżjali? (4)

**(Total: 20 marka)**

5.a. X'nifhmu bil-Liġi l-Antika? (8)

b. Spjega x'inhi l-Liġi l-Ġdida. (8)

ċ. X'rabta hemm bejn il-Liġi l-Antika u l-Liġi l-Ġdida? (4)

**(Total: 20 marka)**

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**INTERMEDIATE MATRICULATION LEVEL**
**2020 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| DATE: | 12th December 2020 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

Answer Section A and **ANY THREE** questions from Section B.
Section A carries 40% of the total mark while Section B carries 60%.

**SECTION A**
**Answer ALL questions. Each question carries 4 marks.**

1. What is the relationship between Tradition and Sacred Scripture?
2. Explain what human equality is based on.
3. What is the Apostolic Tradition?
4. What does Divine Providence consist of?
5. What place does the Resurrection of Christ occupy in the Christian faith?
6. The New Testament is important for Christians. Explain.
7. What is the sense of the petition "Give us this day our daily bread"?
8. What is the meaning of the name "Jesus"?
9. Mary's spiritual motherhood is universal. Explain.
10. How does the Holy Spirit intervene in the Church's prayer?

**(Total: 40 marks)**

**SECTION B**
**Answer THREE questions in detail. Each question carries 20 marks.**

1.a. Explain why prayer is important in the life of the Christian. (8)
b. What is contemplation? (4)
c. How is contemplation different from meditation? (4)
d. Discuss how one can pray using the Bible. (4)

**(Total: 20 marks)**

2. "Sin is present in human history; any attempt to ignore it or to give this dark reality other names would be futile." (CCC 386)
a. There is a great variety of sins. Explain. (8)
b. What are the effects of sin on the life of the individual and of society? (8)
c. Mention **FOUR** of the seven capital sins. (4)

**(Total: 20 marks)**

***Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

3. Which are the **FIVE** periods of the liturgical year? Explain **EACH ONE** of them. (20)

**(Total: 20 marks)**

4. In our profession of faith we say: "I believe" or "We believe".

a. Explain briefly **THREE** characteristics of faith. (12)

b. There is no contradiction between faith and science. Explain. (4)

c. Why is faith a personal and ecclesial act? (4)

**(Total: 20 marks)**

5.a. What do we mean by the Old Law? (8)

b. Explain what the New Law is. (8)

c. What is the relation between the Old Law and the New Law? (4)

**(Total: 20 marks)**